Magistrat Dr. Dennis Montebello BA. LL.D.

Illum, 9 ta' Frar 2001.

Avviz Nru: 1323/00

Equipment Hire Limited

Vs

Alaa Tifwik Hammad

**Il-Qorti;**

Rat l-avviz permezz ta' liema l-kumpanija attrici talbet il-kundanna tal-konvenut ghall-hlas tas-somma ta' hames mija u ghaxar liri Maltin (Lm510) in kwantu sebghin lira Maltin (Lm70) ghall-kiri ta' ghodda minghand l-istess socjeta' attrici, kif ukoll erba' mija u erbghin lira Maltin (Lm440) rapprezentanti prezz ta' apparat konsistenti f'`generator' gdid ta' valur kummercjali simili ghal dak li huwa kera minghand is-socjeta' attrici u li baqa' qatt ma gie ritornat.

Bl-ispejjez inkluzi dawk ta' sitt liri u hamsin centezmu (Lm6.50) tal-Ittra legali datata 6 ta' Settembru 2000 u bl-imghaxijiet legali mid-data tal-fattura relattiva, kontra l-konvenut li jibqa' ngunt ghas-subizzjoni.

Rat illi l-konvenut debitament notifikat ma deherx biex jikkontesta t-talba attrici u lanqas ma deher fis-seduta tal-lum biex jirrispondi ghad-domandi in subizzjoni. Ghaldaqstant it-talba attrici tirrizulta gustifikata u timmerita konferma u l-Qorti qieghda tilqa' t-talba attrici billi tikkundanna l-konvenut ihallas is-somma komplessiva ta' hames mija u ghaxar liri (Lm510) ghar-ragunijiet indikati fl-avviz.

Bl-imghaxijiet legali b'effett mill-25 ta' Settembru 2000.

Bl-ispejjez kontra l-konvenut.

S.Farrugia Magistrat
Dep/Reg